A.L. 144 ta' l-1993

ATT TA' L-1991 BIEX IĦARES L-AMBJENT
(ATT NRU. V TA' L-1991)

Regolamenti ta' l-1993 dwar l-Għasafar u l-Fenek Selvaġġ
(Dikjarazzjoni ta' Speċi Protetti u Riservi Naturali)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 32 ta' l-Att ta' l-1991 biex Ihares l-Ambjent, il-Ministru għall-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti.

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1993 dwar l-Għasafar u l-Fenek Selvaġġ (Dikjarazzjoni ta' Speċi Protetti u Riservi Naturali), u għandhom jibdew iseħħu nhar l-1 ta' Jannar, 1994.

Dikjarazzjoni ta' speċi Prottetti.

2. Huwa ddikjarat li dawn l-ispeċi li ġejjin huma protetti:

(a) l-ispeċi kollha ta' għasafar li jinsabu fis-selvaġġ b'mod naturali fil-gżejjer ta' Malta u fl-ibħra territorjali tagħhom;

(b) l-ispeċi kollha ta' għasafar li jkunu importati, b'dana illi l-ispeċi kollha ta' għasafar li ma jinstabux fis-selvaġġ b'mod naturali fil-gżejjer ta' Malta u fl-ibħra territorjali tagħhom, ikunu meqjusa li kienu importati sakemm ma tingiebx prova kuntrarja, u

(ċ) il-fenek selvaġġ (*Oryctolagus cuniculus*).

Dikjarazzjoni ta' Riservi Naturali.

3. Huwa b'dan dikjarat li l-postijiet u l-inħawi msemmija fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti huma Riservi Naturali.

SKEDA

(Regolament 3)

1. Il-madwar taċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata kif jidher fil-mappa mehmuża ma' dawn ir-regolamenti u sa 50 metru minn kull ċimiterju ieħor f'Malta u f'Għawdex.

2. Il-madwar ta' Kennedy Grove u s-Salini kif jidher fil-mappa mehmuża ma' dawn ir-regolamenti.

3. Il-Ground ta' l-Isports tal-Marsa kif jidher fil-mappa mehmuża ma' dawn ir-regolamenti.

4. Il-Ġonna ta' Sant' Anton u ġonna pubbliċi oħra kollha f'Malta u Għawdex.

5. L-inħawi ta' Portes-des-Bombes kif jidher fil-mappa mehmuża ma' dawn ir-regolamenti.

6. Manoel Island.

7. Il-madwar ta' l-Għadira, fil-Bajja tal-Mellieħa, kif jidher fil-mappa mehmuża ma' dawn ir-regolamenti.

8. Il-Madwar ta' l-istazzjon tat-Trasmissjoni tar-Radju fi Xrobb il-Għaġin, kif jidher fil-mappa mehmuża ma' dawn ir-regolamenti.

9. Sa 200 metru mill-Ajruport ta' Ħal-Luqa u sa 50 metru mid-dwal li juru t-triq għar-runways.

10. Il-Gżira ta' Kemmuna.

11. Il-Gżira ta' Filfla.

12. Il-madwar tal-ġonna tal-Buskett, u l-Palazz ta' Verdala, kif jidher fil-mappa mehmuża ma' dawn ir-regolamenti.

13. L-area fuq l-Għoljiet ta' Ċenċ, Għawdex, kif jidher fil-mappa mehmuża ma' dawn ir-regolamenti.

14. Il-kumpless Ta' Qali, magħduda l-inħawi fejn qabel kien użat bħala ajruport u l-art li tmiss miegħu kif jidher fil-mappa mehmuża ma' dawn ir-regolamenti.

15. Sa 50 metru mill-istazzjonijiet tar-radju mħaddma mid-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Ċivili:

(a) f'Bengħajsa, fil-limiti ta' Birżebbuġa;

(b) fl-Għoljiet ta' Ħad-Dingli, fil-limiti ta' Ħad- Dingli;

(ċ) fil-Fortizza tas-Silġ, fil-limiti ta' Delimara;

(d) f'Wied Rini, limiti tar-Rabat;

(e) Non-directional beacon, Forti San Rokku, limiti tar-Rinella;

(f) fl-Istazzjon tal-VOR, It-Tafal, fil-limiti ta' Kerċem, Għawdex.

16. Il-Madwar tas-Simar, fir-Ramla tal-Pwales, San Pawl il-Baħar, kif jidher fil-mappa mehmuża ma' dawn ir-regolamenti.

17. Il-madwar tal-bur salmastru f'Tal-Ballut, Marsaxlokk, kif jidher fil-mappa mehmuża ma' dawn ir-regolamenti.

18. Il-Gżejjer ta' San Pawl.

19. Il-Girgenti kif jidher fil-mappa mehmuża ma' dawn ir-regolamenti.

20. Wied Għollieqa kif jidher fil-mappa mehmuża ma' dawn ir-regolamenti.

21. Il-Qawra, Għawdex kif jidher fil-mappa mehmuża ma' dawn ir-regolamenti.

22. Għammar Hill-Għawdex kif jidher fil-mappa mehmuża ma' dawn ir-regolamenti.